poeżija, liġi eċċ.—inqalbet nistgħu ngħidu fl-ilsna tal-pajjiżi kollha ċivili. U għalkemm il-lum il-bogħod bejn pajjiż u ieħor nistgħu ngħidu li ġie fix-xejn u l-ġnus resqu ħafna lejn xulxin u l-ilsna saru iżjed magħrufa, baqgħet tinħass bħal qabel il-ħtieġa li t-tajjeb u s-sabiħ ta' l-ilsna barranin jinqalbu fil-lsien tal-Pajjiż, għax it-tajjeb dejjem tajjeb u s-sabiħ dejjem sabiħ, u bit-tajjeb u bis-sabiħ tista' dejjem tistaħja u titqawwa l-letteratura ta' kull pajjiż u mal-letteratura tirtoqom u tiżżejjen il-ħajja.

Biżżejjed wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn il-letteraturi ta' l-Ewropa biex jara kemm hi qadima u kemm hi qawwija din il-fehma fil-ġnus. Ma hemmx opra kbira u sabiħa f'letteratura li ma ġietx maqluba fl-ilsna l-oħra kollha tal-Kontinent.

Aħna li nafu kemm jista' jkun fejjiedi, mhux biss għan-nies ta' Malta, iżda wkoll għall-ftuħ, għall-għana u għaż-żina tal-lsien malti, il-qlib ta' kotba sbieħ u tajbin li huma l-għaxqa u l-għaġeb ta' ilsna oħra, nixtiequ nħeġġu lil xi żgħażagħ, poeti u prożaturi minn tagħna li jħossu din ix-xejra u għandhom tagħrif tajjeb ta' xi ilsna barranin, li jaqilbu minn dawk l-ilsna xi ġahwriet ta' poeżija u ta' proża fil-lsien tagħna—li għalkemm għad mhux imħaddem biżżejjed, għandu setgħat kbar—biex jagħtu lill-kelma maltija l-ħila li tfisser ħsibijiet u ġrajjiet li m'humiex tagħna.

U ma tkunx imbagħad ħaġa sabiħa kieku ġurnata, f'sura ta' ktieb, tidher ġabra mżewqa ta' poeżijiet u ta' biċċiet ta' proża ħelwa u tas-saħħa miġjubin minn ilsna barranin fil-lsien malti?

# Lill-Madonna tal-Karmnu

## TALBA

*(F'siegħa ta' niket)*

Madonna, la tinsiex li l-mara tajba
li kienet ommi tatni l-isem tiegħek
għax kellha tama fik u xtaqet, xtaqet
li binha ċ-ċkejken jibqa' dejjem miegħek:

U kienet tgħidlek ta' sikwit (dan nafu,
għaliex qal'thuli hi meta bdejt nifhem):
"Jekk Karmnu jwarrab minnek, ħudu mn'issa,
Għax jiena mħabba fik tajtu dan l-isem."

Issa, Madonna, dik il-mara tajba
li kienet ommi u tatni l-isem tiegħek,
qiegħda bla kelma ġewwa qabar ċkejken,
u jien bqajt waħdi hawn nitkellem miegħek:

Madonna, int li taf x'ifisser niket,
nitolbok la tinsiex il-kelma t'ommi:
jekk l-hemm li ninsab fih ibegħ'dni minnek,
"Iġborni miegħek"; din qalbi fuq fommi.

DUN KARM

Fit-3 ta' Novembru, 1938.